**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 23 ta' Ottubru 2024**

Talba Numru: 202/2022 CC

**Mapfre Middlesea p.l.c (C-5553) u**

**Laferla Insurance Agency Limited (C-14529)**

**Vs**

**Alexander Axisa [KI 0510470 (M)]**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-8 ta' Lulju 2022, fejn l-atturi talbu sabiex it-Tribunal:

a. Jiddikjara lill-intimat unikament responsabbli għal-imsemmi incident tal-20 ta' Lulju 2020, u għad-danni kollha sofferti mis-soċjetajiet attriċi bħala konsegwenza tal-istess inċident;
b. Jillikwida d-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi fis-somma ta' elfejn u sebgħa mitt ewro (€2700);
c. Jikkundanna lill-istess konvenut iħallas lis-soċjetajiet attriċi, is-somma ta' elfejn u sebgħa mitt ewro (€2700) kif spjegat fil-paragrafu numru 5.

L-atturi talbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, liema spejjeż għandhom jinkludu wkoll dawk tal-ittra uffiċjali 166A preżentata fit-12 ta' Novembru 2020 numru 2646/2020 u l-imgħax legali mid-data tal-inċident sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut preżentata fil-5 ta' Settembru 2022 fejn sostna li t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti stante:

i) Illi l-konvenut ma huwiex bl-ebda mod responsabbli għall-allegat inċident datat 20 ta' Lulju 2020 kif se jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk l-ebda ammont ma huwa dovut mill-konvenut;
ii) Illi sussidjarjament u assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont mitlub mill-atturi huwa wieħed eżaġerat.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u sema' it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħhom kontra l-konvenut, l-atturi ressqu is-segwenti provi:

1. **Kevin Laferla in rappreżentanza ta' Laferla Insurance** xehed li huwa assistant general manager ta' Laferla Insurance agency limited.

   Ix-xhud sostna li l-inċident kien jikkonsisti fi ħruq ta' karozza waqt li l-istess karozza kienet għat-tiswija għand Middle Garage Ħaż-Żebbuġ.

   Ix-xhud sostna li sid il-karozza fetħet claim u hija tħallset s-somma ta' erba' t'elef u erba' mitt ewro (€4,400).

   Ix-xhud ippreżenta kopja tas-survey li sar is-surveyor Jason Borg fejn ġie indikat li l-valur tal-karozza huwa dak ta' erba' t'elef u erba' mitt ewro (€4,400) u kien irrakomandat li '29/7/20 *repairs are not recommended as they will exceed BER. Therefore, it is suggested a full and final cash settlement of €4,400, wreck value of €2,300 has been offered from Clint'.*

   *Fl-istess survey ingħad ukoll 'NOTE: 4/2/21 wreck value has been decreased to €1700, after Clint negotiate again the wreck value'.*

   Għalhekk minħabba li ċertu Clint kien ħallas l-ammont ta' elf u seba' mitt ewro (€1,700), l-ammont li nħareġ mill-atturi kien dak ta' elfejn u seba' mitt ewro (€2700).

2. **Crista Bugeja** xehdet li l-karozza tagħha kellha in-numru ta' reġistrazzjoni FCM 364. Din il-karozza kienet inħarqet. Il-karozza kellha policy insurance ta' fire and theft ma Laferla.

   Hija tħallset mingħand Laferla l-ammont ta' erba' t'elef u erba mitt ewro (€4,400).

Ix-xhud sostniet li l-karozza kienet ilha xahar u nofs jew xahrejn għand il-mechanic għax kien marilha l-gear leaver.

Tiftakar li kienet ix-xogħol u kienu ċemplulha l-pulizija fejn infurmawha li l-karozza kienet inħarqet.

Ix-xhud sostniet li l-karozza kienet quddiem l-opening tal-garage tal-mechanic u cjoe fil-parking designated tal-mechanic.

In kontro-eżami x-xhud sostniet li l-karozza ħaditha għand il-mekkanik bit-towing.

Hija sostniet li meta ħadu l-karozza għand il-mekkanik hija ma kinitx preżenti u allura ma tafx fejn din il-karozza kienet tħalliet iżda hija kienet taf li l-part kienet se ddum ma tasal Malta minħabba l-covid.

Ix-xhud sostniet li hija ma tiftakarx jekk kinitx marret tibdel il-liċenzja '*imma żgur li kelli nagħmilha naħseb din il-biċċa xogħol imma'.*

Ix-xhud sostniet li meta nħarqitilha il-karozza, il-karozza sabitha pparkjata barra u ma kinitx ġol-garage tal-mekkanik.

Meta x-xhud ġiet mistoqsija: *'Minn naħa tiegħek kont taf illi peress li l-part ha ddum , stajt mort u ħadtha l-karozza u terġa' tohodha lura meta tasal il-part ?'*

Ix-xhud irrispondiet*: 'Imma ma kienx jaqbilli għax ġibt it-tow truck, ma stajtx insuqha, ma setgħetx tinstaq il-karozza.'*

Mistoqsija*: 'Jiġifieri ara naqblux illi inti ħadtha għand il-mechanic għax ma kienx jaqbillek tittowwjaha toħodha lura, biex terġa' toħodha xahar wara u terġa' toħodha għand il-mechanic ?'*

*Ix-xhud irrispondiet: 'Eżatt'.*

Mistoqsija: *'Ma kinitx va la pena għalik toħodha u terġa' tirritornaha?'*

Ix-xhud irrispondit: *'Le le'*.

Mistoqsija: *'U għalhekk ħallejtha għand il-mechanic , naqblu ?'*

Ix-xhud irrispondiet: Eżatt.

Ix-xhud sostniet li hija tiftakar li fil-dash board tal-karozza kellha xi sample tal-fwieħa.

3. **Jason Borg** xehed li huwa surveyor ma Mapfre Middlesea insurance. Huwa sostna li l-karozza raha għand il-Middle Garage li jinsab ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

   Il-karozza kellha ħsarat ta' nirien ġewwa fil-console tan-nofs fejn hemm il-gear lever. Il-karozza kellha plastic mdewweb, seats maħruqin, tapit maħruq u t-tapizzerija tas-saqaf kellu l-ħsara minħabba id-duħħan.

   Ix-xhud sostna li l-karozza kienet automatic u milli jiftakar kienet fuq ir-reverse.

   Ix-xhud ikkonferma li s-survey li jinsab fil-proċess sar minnu.

   In kontro-eżami ix-xhud sostna li fil-karozza kien hemm *'bott tal-metal ta' air freshner u flixkun żgħir ta' air freshner'* u fliexken żgħar bħal tal-fwieħa.

   Ix-xhud sostna li meta kkunsidra l-valur tal-karozza huwa mar għal minimum.

4. **PC 1430, Colton Grech Micallef** ippreżenta r-rapport tal-pulizija.

5. **Loreto Grima** xehed li kien ċempillu l-mechanic u nfurmah li l-karozza kienet ħadet in-nar. Huwa kien ċempel lil sid il-vettura u nfurmaha b'dan il-fatt.

Illi sabiex jirribatti t-talbiet miġjuba fil-konfront tiegħu mill-attur, il-konvenut ressaq is-segwenti provi:

1. **Il-Konvenut Alexander Axisa** xehed li huwa jaħdem bħala mekkanik u l-garage tiegħu bl-isem Middle Garage jinsab ġewwa Ħaż-Żebbuġ.

   Ix-xhud sostna li fi żmien il-Covid kienet marret tfajla bil-karozza tagħha għandu għax kellha l-ħsara.

   Sabiex tissewwa l-karozza kien hemm bżonn li l-part tintbagħat barra u l-klijenta kienet infurmata li minħabba l-pandemija l-part kienet se ddum sabiex tasal f'Malta.

   Ix-xhud sostna li huwa kien informa lil sid il-karozza li sabiex issewwi l-karozzi bejn il-part u ta' idu l-ispiża kienet se tkun ta' madwar elfejn ewro.

   Ix-xhud sostna li huwa kien informa lil sid il-karozza li l-part kienet se ddum sabiex tasal Malta u infurmaha sabiex jekk trid setgħet terġa tittowjaha lejn Għawdex għax sid il-vettura kienet Għawdxija jew tistenna ftit.

   Il-karozza kienet ipparkjata barra ġo parking spot normali fi triq pubblika. Jista jipparkja fih kulħadd. Għax huwa ma għandux parking privat. Fil fatt meta kienet se tiskadi l-liċenzja, sid il-karozza kienet marret u bidlet il-liċenzja.

   Iż-żmien beda għaddej u l-part kienet għadha ma waslitx. F'ġurnata partikolari l-karozza ħadet in-nar minn ġewwa.

   Ix-xhud sostna li ġo dik il-karozza kien hemm xi fliexken tal-fwieħa u anke xi lighters.

   In kontro-eżami x-xhud reġa' sostna li l-karozza kienet ipparkjata f'parking spot fit-triq tal-garaxx.

   Ix-xhud sostna li huwa ħalla f'idejn is-sid biex tiddeċiedi jekk tixtieqx tittowja l-karozza u terġa toħodha meta tasal il-part jew inkella tħallihix fejn kienet ipparkjata.

Ix-xhud sostna li l-lighter u l-fwieħa li nstabu fil-karozza kienet poġġiethom fil-karozza sid il-vettura.

Ix-xhud sostna li biex beda jaħdem fuq il-karozza huwa fetaħ il-karozza.

**Ikkunsidra**

Illi l-fatti huma s-segwenti:

1. Illi l-vettura ta' Crista Bugeja ġratilha l-ħsara.

2. Illi din il-vettura twasslet permezz ta' tow truck għand il-konvenut li huwa mekkanik.

3. Illi kien jeħtieġ li part tal-karozza tintbagħat barra minn Malta.

4. Illi l-konvenut informa lil sid il-vettura Crista Bugeja li l-part kienet se ddum ma tasal lura Malta u infurmaha sabiex jekk trid setgħet tittowja l-karozza u toħodha fejn tixtieq hi jew inkella tħalliha pparkjata fit-triq fejn kienet, ħdejn il-garage tiegħu.

5. Illi sid il-vettura għażlet li tħalli l-karozza ipparkjata fit-triq ħdejn il-garage tiegħu.

6. Illi f'ġurnata minnhom, il-karozza ħadet in-nar minn ġewwa.

7. Illi jirriżulta li fil-vettura kien hemm bott tal-air freshener, fwieħa u possibilment anke lighter. (Fix-xhieda tiegħu is-surveyor Jason Borg ikkonferma li kien hemm bott tal-metall ta' air freshener u flixkun tal-air freshener u xi fliexken żgħar tal-fwejjaħ, Crista Bugeja fix-xhieda tagħha ssostni li fil-karozza kien hemm samples tal-fwieħa u l-konvenut fix-xhieda tiegħu jsostni li kien hemm anke lighter).

8. Illi kienet propju Crista Bugeja li kienet poġġiet dawn l-affarijiet fil-vettura.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Gerald Bugeja vs David Gatt** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 2003 mill-Qorti ta' l-Appell Ċivili ngħad is-segwenti:

*"huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "min ifittex ghad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti"*

Waqt it-trattazzjoni finali tagħom l-atturi għamlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Marvic konjuġi Cassar vs Mario Aquilina** deċiża fl-14 ta' Ottubru, 2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fejn l-Qorti kienet ikkundannat lil konvenut (lil mekkanik) sabiex iħallas id-danni sofferti mill-atturi wara li l-vettura tal-atturi sofriet xi ħruq.

It-Tribunal isostni li l-fatti ta' dak il-każ kienu differenti mill-fatti tal-każ li għandu quddiemu dan it-Tribunal. Dan qiegħed jingħad għaliex kif ingħad f'dik is-sentenza fl-ismijiet **Emanuel u Marvic konjuġi Cassar vs Mario Aquilina**:

*"L-artikolu 1899 tal-Kodici Civili jiddisponi hekk:*

***"Id-depozitarju ghandu, fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu."***

*Dan hu l-istess kriterju uti in rem suam preskritt mill-Kodici Civili fl-artikolu 1132 ghall-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjonijiet in generali, cioe` li d-depozitarju ghandu jezercita d-diligenza tal-bonus paterfamilias.*

*Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut naqas li jimxi skond dan il-kriterju meta accetta li jzomm il-van fil-kustodja tieghu fi zmien li l-garaxx tieghu kien mimli. Ghalkemm l-attur seta' ma oggezzjonax* ***ghall-bidu*** *li l-van jibqa' barra,* ***jidher car li wera l-preokkupazzjoni tieghu lill-konvenut ghall-fatt li dan baqa' jhallieh barra.*** *Naqas imbaghad il-konvenut, meta, ghalkemm beda jahdem fuq il-van,* ***ma kkonkludiex x-xoghol tempestivament nonostante li l-attur kien ikkonsenjalu l-parts kollha li kellu bzonn biex ilesti x-xoghol****. Lanqas jista' l-konvenut jeccepixxi l-forza magguri* ***meta kien jaf li, almenu f'okkazjoni ohra kif jammetti hu stess, kienet saritlu vendikazzjoni fuq karrozza ohra li kienet ghandu ghat-tiswija u li kien halla barra****."*

Jingħad ukoll li f'dak il-każ, il-mekkanik kien iħalli l-karozzi barra ġewwa għalqa żdingata u f'post xi ftit imwarrab.

Fil-każ li għandu quddiemu dan it-Tribunal, il-mekkanik ma setax jaħdem fuq il-karozza sakemm tasal il-part minn barra, sid il-vettura kienet infurmata mil-mekkanik li minħabba d-diffikultajiet li dak iż-żmien kienet ħolqot il-pandemija l-part kienet se ddum ma tasal lura Malta u jekk riedet setgħet ħadet l-karozza fejn xtaqet jew inkella tħalliha pparkjata fejn kienet u cjoe fit-triq quddiem il-garage tiegħu (fix-xhieda tiegħu l-konvenut sostna: *għedtilha din irridu nistennew il-parts, issa jew terġa tittowjaha lejn Għawdex inkella tistenna trid) (It-tribunal huwa konvint li sid il-vettura kienet taf li l-vettura kienet ipparkjata fit-triq għaliex li kieku ma kinitx ha tmur hi jew tibgħat lil xi ħadd biex ibiddel il-liċenzja tat-triq li kieku kien mingħaliha li l-vettura kienet tinsab iggaraxxjata)*, kienet għażla tas-sid tal-vettura li ħallietha pparkjata fejn kienet għax fi kliemha ' *ma kienx jaqbilli'* u ma kinitx va la pena għaliha li toħodha u terġa' tirritornaha u finalment il-karozza ħadet in-nar minn ġewwa. Jirriżulta li fil-vettura kien hemm bott tal-air freshener, fwieħa u possibilment anke lighter. Dawn l-affarijiet tpoġġew fil-vettura minn sid il-vettura Crista Bugeja u jirriżulta li dawn l-affarijiet la tneħħew qabel ma l-karozza ttieħdet ghand il-mekkanik u lanqas ma tneħħew meta hi jew xi ħadd inkarigat minnha marru jbiddlu l-liċenzja għax kienet se tiskadi.

Illi dan it-Tribunal isostni li sid il-vettura ċertament kellha responsabilta' kontributorja għal din l-inċident.

L-atturi jsostnu li l-mekkanik imissu neħħa l-air fresheners u l-fwieħa hu (u possibilment anke l-lighter) minn ġol-vettura. It-tribunal isostni li filwaqt li jista jkun li l-mekkanik naqas meta ma neħħiehomx minn ġol-vettura pero anke jekk il-mekkanik ma neħħiehx dawn l-affarijiet minn ġol vettura, din l-azzjoni xorta waħda ma tiskolpax lil sid il-vettura li jmissha kienet taf (għax kulħadd jaf) li kellha tneħħi l-fwejjaħ, l-air fresheners u possibilment anke il-lighter mnn ġol-vettura, aktar u aktar meta l-istess sid tal-vettura kienet taf li hija ma kinitx ha tagħmel użu la mill-vettura u lanqas minn dawn l-oġġetti għal żmien pjuttost twil.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **John Baptist Spiteri vs Vincent Saliba u b'digriet tal-14 ta' Ġunju 2007 ġiet awtorizzata li tintervjeni fil-kawża fi statu et terminis is-soċjeta' Untours Insurance Agency Ltd** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, ngħad is-segwenti:

*"Kif jipprovdi l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili:- "Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara****, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi,* ***fid-diskrezzjoni taghha****, f' liema proporzjon din tkun* ***ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet****, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni.".*

*"Il-qorti ghamlet riferenza ghas-sentenza* ***Joseph Galdes –vs- Victor Micallef****, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII.i.59) fejn inghad: "vouldiri, huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha* ***hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab*** *sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra.* ***Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu.****"*

Illi kif diġa ngħad, il-mekkanik ma setax jaħdem fuq il-karozza sakemm tasal il-part minn barra, sid il-vettura kienet infurmata mil-mekkanik li minħabba d-diffikultajiet li dak iż-żmien kienet ħolqot il-pandemija l-part kienet se ddum ma tasal lura Malta u jekk riedet setgħet ħadet l-karozza fejn xtaqet jew inkella tħalliha pparkjata fejn kienet u cjoe fit-triq quddiem il-garage tiegħu (fix-xhieda tiegħu l-konvenut sostna: '*għedtilha din irridu nistennew il-parts, issa jew terġa tittowjaha lejn Għawdex inkella tistenna trid')* (It-tribunal huwa konvint li sid il-vettura kienet taf li l-vettura kienet ipparkjata fit-triq għaliex li kieku ma kinitx ha tmur hi jew tibgħat lil xi ħadd biex ibiddel il-liċenzja tat-triq, li kieku kien mingħaliha li l-vettura kienet tinsab iggaraxxjata), kienet għażla tas-sid tal-vettura li ħallietha pparkjata fejn kienet għax fi kliemha ' *ma kienx jaqbilli'* u ma kinitx va la pena għaliha li toħodha u terġa' tirritornaha u finalment il-karozza ħadet in-nar minn ġewwa. Jirriżulta li fil-vettura kien hemm bott tal-air freshener, fwieħa u possibilment anke lighter. Dawn l-affarijiet tpoġġew fil-vettura minn sid il-vettura Crista Bugeja u jirriżulta li dawn l-affarijiet la tneħħew qabel ma l-karozza ttieħdet ghand il-mekkanik u lanqas ma tneħħew meta hi jew xi ħadd inkarigat minnha marru jibdlu l-liċenzja għax kienet se tiskadi.

Min naħa l-oħra jirriżulta li l-mekkanik naqas milli jneħħi l-air fresheners u l-fwieħa (u possibilment anke lighter) minn ġol-vettura.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, it-Tribunal sejjer jagħti ħtija fi proporzjon ta' 90% lil sid il-vettura u ħtija fi proporzjon ta' 10% lil konvenut.

It-Tribunal qasam il-ħtija bejn il-partijiet f'dan il-propozjon għaliex it-Tribunal jidhirlu li filwaqt li l-mekkanik forsi naqas meta ma neħħiex dawn l-oġġetti minn ġol-vettura madanakollu fl-aħħar mill-aħħar ir-responsabilta' aħħarija li ma jitħallewx oġġetti li jistgħu ikunu ta' periklu fil-vettura tibqa dejjem tas-sid.

Issa fil-vettura tħallew fwejjaħ, air fresheners u possibilment anke lighter. Oġġetti li kulħadd jaf li huma perikolużi u li ma għandhomx jitħallew ġo vetturi, speċjalment meta vettura tkun wieqfa u ma tkunx se tinstaq għal żmien twil. Ċertament li ma kienx hemm bżonn li sid il-

vettura tintalab biex tneħħi dawn l-oġġetti minn ġol-vettura biex tirrealiżża li dawn l-oġġetti kellha tneħħihom.

Sid il-vettura la neħħiet dawn l-oġġetti qabel ma ħadet din il-vettura għand il-mekkanik u lanqas iddenjat ruħha tneħħi dawn l-oġġetti meta saret taf li minħabba l-part, il-vettura kienet se ddum żmien pjottost twil biex tissewwa u lanqas ma neħħiet dawn l-oġġetti meta hi jew xi ħadd inkarigat minnha marru jibdlu l-liċenja tal-karozza għax kienet se tiskadi.

**Ikkunsidra**

Illi fit-tieni eċċezzjoni tiegħu l-konvenut sostna li l-ammont mitlub mill-atturi huwa wieħed esaġerat.

It-Tribunal isostni li s-survey sar minn surveyor professjonali u għalhekk huwa se jkun qiegħed jistrieħ u joqgħod fuq l-ammonti indikati fis-survey.

**Decide**

**Għaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-każ billi filwaqt illi jilqa in parte l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, jiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, jilqa in parte it-talbiet tal-atturi fis-sens illi:

1. Jiddikjara lil konvenut responsabbli fi proporzjon ta' għaxra fil-mija (10%) għal inċident tal-20 ta' Lulju 2020 u fi proporzjon ta' għaxra fil-mija (10%) għad-danni sofferti mill-atturi konsegwenza tal-istess inċident.

2. Jillikwida d-danni li huma dovuti mill-konvenut lill-atturi fl-ammont ta' mitejn u sebgħin ewro (€270).

3. Jikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u sebgħin ewro (€270), bl-imgħax legali jiddekorri mil-lum sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

   L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma’ dawn il-proċeduri jinqasmu in kwantu ghal 90% a karigu tal-atturi u 10% a karigu tal-konvenut.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**